# IL-FRANGISKANI MINURI F'MALTA

Il-patrijiet taghna huma eqdem hawn Malta mill-ewwel kunvent taghna. Meta ntalab u nqala' minghand Papa Alesaandru VI il-permess biex nibnu l-kunvent tar-Rabat, jidher li huma kienu maghrufin u mixtiqin mill-Maltin. Dan kien fl-1482. Pero il-Frangiskani kienu diga jinsabu hawn qabel 1370 meta l-Ordni kien ghadu familja wahda. L-ewwel firda definitiva kienet fl-1517. Il-benefattur ewlieni tal-ewwel kunvent taghna kien Gakbu Hakim li kellu qaribu, P. Marjan, Patri f'Messina. Dan mill-ewwel gie Malta.

Il-kunvent kien ippatronat hafna mill-Gran Mastru L'isle Adam, li mis-sena 1533 zamm zewg kmamar ghalih fil-kunvent fejn kien ihobb kulltant jirtira ghall-paci. Hemm ukoll miet, u qalbu tinsab midfuna fil-Knisja taghna.

Ghall-Kunvent tal-Belt, il-patrijiet sabu l-istess ghajnuna mill-Gran Mastri. Kien Del Monte li tana l-art biex nibnu l-knisja taghna wara l-assedju, fl-1575. Il-Gran Mastri Cotoner, Carafa, Vilhena, Garzes u Pinto kif ukoll Rohan u Hompesch kienu kollha midhla taghna. Kull nhar ta' Gimgha huma kienu jigu bl-officjali taghhom ghall-Quddies fil-Kappella tal-Kurcifiss Mirakoloz maghmul fl-1648 minn P. Innocenz minn Petralia. Bosta huma l-opri li dawn hallew hemmhekk.

L-Arkivju Provincjali jixhed kemm kienu mahbubin il-patrijiet taghna mill-Ordni ta' San Gwann. Patri Karlu Tonna gie moghti it-titlu ta' Missjonarju Apostoliku mis-Sante Sede, tal-hidma fejjieda tieghu fuq ix-xwieni u mal-ilsiera. Dan miet fl-1788. Kienu kappellani ta' Sant'Iermu, San Mikiel, il-Kastellania, S. Rokku, is-Swar tal-Furjana, fis-Sagra Nfermeria u fil-Lazzarett, kif ukoll fuq ix-xwieni u fil-habsijiet. Mhux l-ewwel darba li dawn waqghu ilsiera u kellhom jaghtuha ghall-qdif, bhal ma gralu P. Peylabere, fl-1650. Dan bosta jaqdef sa ma thallsitlu s-somma minn Malta. Il-Korrispondenza dwar il-kaz tieghu ghadha tezisti fl-Arkivju taghna.

L-eqdem Arcikonfraternita ta' Malta hija maghquda mal-Kunvent taghna tar-Rabat, filwaqt li tnejn ohra mal-Belt, wahda Tas-Santissimu Kurcifiss u l-ohra - fratellanza - tal-haddieda, fundaturi u landiera. Din ta' l-ahhar kienet twaqqfet f'San Pawl fl-1599 u giet ghandna meta ittihditilhom il-kappella hemmhekk.

fl-1877 tqeghdet l-ewwel gebla tal-Knisja taghna ta' Tas-Sliema, u ftit wara, il-habbrieki Dun Pawl Vella ghaddieha lilna. Saret parroca fl-1918. B'hekk il-patrijiet setghu jaqdu popolazzjoni gdida fejn din kienet qed tikber. Dan infatti kien il-karattru tal-Ordni meta twaqqaf, li ma jkunx marbut mal-lokal bhalma kienu l-monasteri ta' qabel, imma li l-patrijiet ikunu liberi biex minghajr xkiel jimxu kull fejn jimxi l-poplu.

Ghalhekk meta huma riedu jibnu novizzjat f'Ghawdex, kienet haga naturali li huma jwiegbu ghas-sejha tal-Isqof Giovanni Camilleri, O.S.A. u jmorru fejn kien hemm htiega gdida ta' sacerdoti bejn Ghajnsielem u l-Qala. Tqeghdet l-ewwel gebla fl-1901, tal-Kunvent ta' Sant'Antnin.

F'Villambrosa, kienu n-nies stess li hajruna mmorru hemm, ghall-ewwel permezz ta' daqsxejn ta' garage. Dan kien fl-1947, imma fl-1952 tqeghdet l-ewwel gebla tal-Knisja ta' San Frangisk li giet ikkonsagrata sentejn wara. B'hekk ukoll, il-patrijiet kienu qed imorru kull fejn qed jinbet poplu gdid.

Dan gara wkoll f'Bahar-ic-Caghak. Imma hawn, il-patrijiet xtaqu jaghmlu xi haga li kienet gdida ghal Malta. Meta xtraw l-art kellhom il-hsieb, li barra li jaqdu lil dawk li jkunu hemm ghall-villegjatura, u lil dawk li kienu qed jibnu djarhom permanenti hemmhekk, joholqu post, fl-istess hin, fejn wiehed jista' jsib is-serhan spiritwali

permezz ta' irtir. Hekk, fl-1964 infethet Porziuncola Retreat House bl-ewwel irtir. Minn dakinhar s'issa, xi elfejn ruh jghaddu minnha ghall-irtir, kull sena.

Il-Patrijiet qeghdin biex iqaddsu waqt li jitqaddsu. Ma jistghux jaharbu minn din ir-responsabbilta. U hekk tul il-medda tas-snin ma naqsux erwieh li taw xhieda bil-miftuh tal-qdusija taghhom. Lil Fra Diegu Bonanno kulhadd jafu, u jafu wkoll lit-terzjarju serv t' Alla Nazju Falzon, midfun il-Belt ghandna. Ta' min isemmi lil Beatu Duminku Mifsud minn Gharghur (1522-1570), ajk ta' qdusija liema bhalha, u lis-Serv t'Alla P. Fortunat Vella, missjonarju t-Terra Santa u bniedem ta' penitenza kbira, kif kien ukoll Onofrio Xara, ukoll Serv t'Alla, u iben familja nobbli antikissima.

Ferres jghidilna li l-patrijiet kienu jmorru jghallmu u jippriedkaw fl-ibghad imkejjen. Ippriedkaw mhux biss f'Malta imma wkoll fi Sqallija u sahansitra fil-Kattedrali tal-Italja kollha. Anglu Xerri ghex fis-seklu XVI, Ludovik Carbone fis-XVII u Kostanz Hamaira u Kostanz Vella fit-XVIII. Fid-XIX ghandna lil Gian Pawl Deguara u lil Ferdinandu Mada'. Dan biex insemmu lil xi whud. Imma tghidx kemm kwarezimali ghamlu San Gwann u fl-aqwa knejjes tal-Italja.

Il-patrijiet qabzu ghall-poplu fi gwerer u fil-mard. Fl-assedju tal-1565 ukoll is-sodod taghhom taw. Fil-pesta mietu jassistu wkoll fejn haddiehor harab. Ghandna ittri minn Isqfijiet jitolbu l-ghajnuna u jizzu hajr lill-patrijiet. Fil-pesta tal-1592, tmien patrijiet hallew hajjithom fil-qadi ta' dmirijiethom. B'tizzija ta' hajr, il-Gran Mastru waqqaf it-tigrija ta' Santu Rokku, terzjarju Frangiskan. Fl-Irvell tal-Qassisin, l-imsemmi P. Kostanz Hamaira kien wiehed mill-mexxejja. Fl-Irvell kontra l-Francizi, ir-Rettur tal-Arcikonfraternita ta' San Guzepp, Vitale, kien wiehed mill-mexxejja, u l-kunvent taghna tar-Rabat tghidx kemm laqa' nies itturrufnati fil-kurituri. Fiz-zewg gwerer dinjiji bosta kienu l-patrijiet li taw sehem kbir min mill-vicin u min mill-boghod. Bosta gew ippremjati jew immedaljati. Il-W.R.P. Alfons M. Attard ghadu msemmi u mfahhar s'issa, ghll-O.B.E. li huwa rebah.

Iz-zewgt idjar, Bon Pastur ta' Hal Lija, u Istitut Fra Diegu tal-Hamrun gew imwaqqfa permezz zewg angli wiehed ta' P Giuseppe Blandini minn Sqallija li kien istrumentali biex jigu s-sorijiet tal-Bon Pastur hawn Malaa, u l-iehor Fra Diegu Bonanno li waqaf l-istitut llum immexxi mis-sorijiet Frangiskani ta' Malta, bhala l-kuruna tal-hidma tieghu.

Bosta kienu l-patrijiet li hallew art twelidhom biex jahdmu barra minn Malta. Il-hidma taghom fit-Terra Santa hija maghrufa sewwa. Ill-patrijiet Mlatin insibuhom fil-Palestina, l-Egittu, is-Sirja, Cipru il-Libja, ic-Cina, fejn P. Pier Battista Galea kien l-ewwel Malti li dahal hemm, fl-Argentina, Cile, Bolivja, Tunes u Algerija. Illum jinsabu Londra, Awstralja, California, New York, Gerusalemm, Ruma, Kanada, El Salvador, Honduras u Gwatemala.

F'isem San Frangisk, il-patrijiet tieghu Maltin insibuhom illum fl-oqsma kollha tal-hajja Maltija, fil-mezzi ta' kommunikazzjoni, fix-xandir, televizjoni, fil-gurnali, fl-iskejjel, fil-fabbrika, mal-bahhara, man-nurses, mal-emigranti, fil-ghaqdiet, fil-familji, mat-tfal, maz zghazagh, mal-artisti, mal-ghomja, fil-knejjes kollha, fis-servizzi militari....

Ix-xewqa ta' Gesu kienet li d-dixippli tieghu jixterrdu mad-dinja kollha. U San Frangisk, li kien ihobb jimita lil Kristu f'kollox, kellu l-istess xewqa ghall-patrijiet tieghu. Uliedu ta' Malta, xejn anqas mit-22,000 l-ohra mxerrda mad-dinja kollha minghajr ma nqisu lill-ferghat l-ohra ta' rgiel u nisa religuzi, kif ukoll l-eluf ta' terzjarji ispirati minnu, semghu it-talba ta' missierhom u ghadhom iwettquha sallum.

Arkivju Provincjali, 3 t'Awissu, 1977